# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 2**

**Rikors numru 1067/13/1 ISB**

**Tarros S.p.A gia magħrufa Tarros, International S.p.A rapprezentata mill-mandatarju speċjali Av.Louis Cassar Pullicino**

**v.**

**Valletta Freight Services Limited (C-3478)**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu digriet li jindirizza r-rikors preżentat mill-konvenuta fit-13 ta' Settembru, 2021, u li bih talbet lill-Qorti sabiex tordna s-soprasessjoni tal-appell sakemm tkun deċiża l-kawża kostituzzjonali **Valletta Freight Services Limited (C3478) v. L-Avukat tal-Istat et** (431/2021) preżentata fit-23 ta' Ġunju, 2021.

2. Fil-kawża li qiegħda issa tinstema' quddiem din il-Qorti, l-attriċi talbet għax-xoljiment u stralċ tal-kumpanija konvenuta peress li baqgħet moruża fil-ħlas ta' dejn għall-perjodu kontemplat fl-Att dwar il-Kumpaniji u l-attriċi ssostni li l-konvenuta ma tistax tħallas id-djun tagħha (Art. 214(2)(a)(ii) u Art. 214(5)(a) tal-Kap. 386). B'sentenza tad-29 ta' Settembru, 2016, l-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet u ordnat ix-xoljiment u stralċ tal-kumpanija konvenuta u tat provvedimenti dwar il-mod kif għandu jsir l-istralċ. Sussegwentement b'rikors preżentat fid-19 ta' Ottubru, 2016, il-konvenuta appellat mis-sentenza.

3. Fil-kawża kostituzzjonali fuq imsemmija, il-konvenuta ssostni li fil-proċeduri **Dr Renato Cefai noe v. Valletta Freight Services Limited** (Rikors 1321/1996) sofriet ksur tal-jedd fundamentali għall-proprjeta (Art. 1 tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni u Art. 37 tal-Kostituzzjoni). Wieħed mir-rimedji li talbet hu li jitħassru s-sentenzi li ngħataw f'dik il-kawża mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fl-4 ta' Ġunju 2010 u l-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Diċembru 2010.

4. F'dan ir-rigward tajjeb li jingħad li l-proċeduri 1321/1996 kienu jitrattaw talba tal-attriċi sabiex issir l-esekuzzjoni f'Malta ta' lodo arbitrali li sar barra minn Malta u deċiż fid-29 ta' Jannar 1996. B'sentenza tal-4

ta' Ġunju 2010 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla laqgħet it-talbiet tal-attriċi u ddeċidiet:

> *"1. Tgħid illi jista' jiġi esegwit f'Malta il-lod arbitrali mogħti mix-Chambre Arbitrale Maritime de Monaco fid-29 ta' Jannar 1996;*
>
> *2. tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi l-bilanċ ta' sitta u sebghin elf liri Maltin erba' mija u tmintax-il euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (Lm76,418.28)......*
>
> *3. tikkundanna lill-konvenuta tħallas ukoll sbatax-il elf u ħames mitt frank franċiż (FF17,500) – daqs elfejn sitt mija u sebgħa u sittin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€2,667.86).*
>
> *Tikkundanna lill-konvenuta tħallas ukoll l-ispejjeż kollha tal-kawża u l-imgħaxijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni".*

5. Sentenza li ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-3 ta' Diċembru 2010.

6. Fil-kawża kostituzzjonali 431/2021 il-konvenuta tilmenta li qabel ingħatat is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2010, l-attriċi kienet diġa' infurmata x'ser ikun l-eżitu tal-kawża 1321/1996. F'dan ir-rigward għamlet referenza għar-rapport dwar il-kontijiet tal-attriċi sena finanzjarja 2009 (datat 20 ta' Mejju 2010) fejn hemm iddikjarat li kien hemm riżultat pożittiv f'kawża għall-irkupru ta' kreditu (€206,302.49) kontra l-kumpanija konvenuta. Dan meta s-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla ngħatat fl-4 ta' Ġunju 2010. Għalhekk il-konvenuta tallega li qabel ingħatat is-sentenza kien hemm leak mill-Qorti dwar x'kien ser ikun l-eżitu tal-kawża.

7. Fl-ewwel lok dak li hu meritu tal-kawża kostituzzjonali m'huwiex il-meritu tal-appell.

8. Minn dak li fehmet il-Qorti, kien fil-kawża **Tarros S.p.a. v. Valletta Freight Services Limited et** (numru 1066/2015) li l-konvenuta qiegħda tgħid li saret taf b'dak li tallega, u dan meta xehed ċertu Alberto Musso fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2017. Kawża li ġiet deċiża fis-16 ta' Novembru 2017 u li minnha sar appell li qiegħed jinstema' kontestwalment ma' dan l-appell.

9. M'hemmx dubju li dak li allegat il-konvenuta fil-kawża kostituzzjonali hu serju peress li ssostni li qabel ingħatat is-sentenza fil-kawża 1321/1996/1 l-attriċi kienet taf x'kien ser ikun l-eżitu tal-kawża li ġiet deċiża fl-4 ta' Ġunju 2010. Fir-rapport datat 20 ta' Mejju 2010 jingħad:

> *"...... grazie anche al risultato positivo della causa per il recupero del credito vs la soċieta' Freight di Malta (credito €206,302.49 che precedentemente si dava per peretne per una somma pari a €82,121,00)".*

10. Pero` sallum għad hemm biss allegazzjoni u xejn iktar. Il-Qorti rat ukoll id-deċiżjonijiet li għamel referenza għalihom id-difensur tal-konvenuta waqt it-trattazzjoni li saret fit-8 ta' Novembru, 2021. Madankollu kull każ għandu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, u Qorti tiddeċiedi skont il-fatti li jkollha quddiemha. Dan apparti li l-meritu tal-

appell tal-konvenuta ma jiddependix mill-kawża kostituzzjonali li hi stess ippreżentat. Inoltre, Qorti tgawdi wkoll minn element qawwi ta' diskrezzjoni meta tiddeċiedi jekk għandhiex tilqa' jew tiċħad talba għal soprasessjoni.

11. Jirriżulta li minn meta saret taf b'dak dikjarat fir-rapport tar-reviżur, il-konvenuta damet iktar minn erba' snin qabel ippreżentat il-kawża kostituzzjonali. Fil-fatt kien biss wara li l-appell ġie appuntat għas-smigħ li l-konvenuta għażlet li tagħmel xi ħaġa. Il-konvenuta baqgħet passiva għal dawk is-snin kollha u issa qiegħda tippretendi li jitkompla d-dewmien billi din il-Qorti twaqqaf is-smigħ tal-appell sakemm tinqata' l-kawża kostituzzjonali li ppreżentat in extremis f'Ġunju ta' din is-sena.

12. Ovvjament l-appell f'din il-kawża u fil-kawża 1066/2015 m'humiex ser jinvolvu xi stħarriġ dwar x'wassal sabiex saret dikjarazzjoni bħal dik mir-reviżur tal-kontijiet tal-kumpanija attriċi. Dik hi materja li trid tiġi mistħarrġa fil-kawża kostituzzjonali. Il-fatt li din il-Qorti tipproċedi bis-smigħ tal-appell m'huwiex ser jippreġudika l-kawża kostituzzjonali 431/2021, ġialadarba f'każ ta' eżitu favur il-konvenuta (attriċi f'dik il-kawża) l-Qorti li ser tiddeċiedi l-kawża għandha l-poter li tagħti kull rimedju li tqis li hu floku. Il-Qorti hi konxja li hemm possibilta` li s-sentenza fil-kawża kostituzzjonali jkollha konsegwenza fuq is-sentenza li għad trid tagħti fir-rigward tal-appell tal-konvenuta. Madankollu din il-Qorti

għandha d-dmir li tkompli tisma' u tiddeċiedi l-appell mingħajr iktar dewmien meta tqis ukoll is-snin li ilhom pendenti dawn il-proċeduri. Hekk titlob l-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja.  Dan iktar u iktar meta kieku riedet l-attriċi, qabel din il-Qorti appuntat l-appell għas-smigħ (l-ewwel seduta saret fit-22 ta' Marzu 2021), kellha altru milli biżżejjed żmien sabiex tfittex rimedju matul is-snin li l-appell kien ilu pendenti u ma kien qiegħed isir xejn.

13. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti hi tal-fehma li t-talba tal-konvenuta għas-soprasessjoni tal-appell sakemm tinqata' b'mod defenittiv il-kawża kostituzzjonali 431/2021 m'hijiex ġustifikata".

Għal dawn il-motivi tiċħad it-talba tal-konvenuta għas-soprasessjoni tal-appell, bl-ispejjeż ta' dan il-provvediment kontriha.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da